**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 31 ta' Mejju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 57/2021 AF**

**Godwin Farrugia**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Godwin Farrugia, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-Erbgha (4) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u sittax (2016), l-esponenti tressaq il-Qorti akkuzat b'diversi reati taht it-Titolu 'Fuq id-Delitti kontra l-Paci u l-Unur tal-Familji, u kontra l-Morali' (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-akkuzat u tal-allegati vittmi.

Fil-mori tal-proceduri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, iz-zewg allegati vittmi, volotarjament hafru lil esponenti u rrinunzjaw b'mod assolut u inkondizzjonat ghal kull azzjoni kriminali, u b'dan illi addiritura esprimew ix-xewqa taghhom li jkollhom relazzjoni tajba u mill-qrib mal-esponenti.

Nonostante din il-mahfra u r-rinunzja, fis-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrenti nstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u gie kkundanat piena karcerarja, liema sentenza giet sussegwentement konfermata mill- Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).

Di più, meta l-esponenti gie nvestigat, il-ligi f'dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghal assistenza legali shiha matul l-investigazzjoni tal-Pulizija.

**Lanjanzi Kostituzzjonali**

A. <u>Dritt tal-Hajja Privata u tal-Familja</u>

F'diversi istanzi l-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-azzjoni kriminali tiddependi fuq il-kwerela tal-parti leza. Illi filwaqt illi dwar diversi reati fit-Taqsima II, titolu VII, sub-titolu II tal-Kodici Kriminali — 'Fuq id-Delitti kontra l-Paci u l-Unur tal-Familji, u kontra l-Morali' - il-ligi tipprovdi illi jiddipendu fuq il-kwerela tal-parti leza, dwar ir-reati addebitatti lill-esponenti il-ligi tipprovdi

illi dawn huma prosegwibbli *ex officio* u illi anke f'kaz ta’ rinunzja il-proceduri jitkomplew.

Dan l-istat ta’ fatt jikser id-dritt tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzoni ta' Malta u dan stante illi ladarba l-vittmi jhossu li ghandom jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta l-esponenti, l-lstat ghandu jirrikonoxxi tali xewqa u stante li r-rabta ta’ konsangwinita jew tal-familja hija l-oghla rabta fin-natura din ghandha tipprevali fuq kull kriterju iehor u ghaldaqstant, kif *del resto* jigri f'istanzi ohrajn ta’ disposizzjonijiet anke fl-istess titolu tal-Kodici Kriminali, f'kaz ta’ rinunzja, l-proceduri kriminali ghandhom jigu estinti, purchè dik r-rinunzja tkun wahda kompletament volontarja.

In oltre, l-prosegwiment tal-proceduri wara, u minkejja r-rinunzja taz-zewg allegati vittmi, illum maggorreni, huwa bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzoni ta’ Malta stante illi d-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandu jfisser illi l-azzjoni kriminali u s-smiegh tal-proceduri kriminali jigu estinti bhala konsegwenza ta’ tali rinunzja.

Il-prosegwimet tal-proceduri minkejja r-rinunzja mhux talli ma tissodisfax l-obbligazzjoni pozittiva tal-lstat li jfittex ir-reunifikazzjoni, kemm jista’ jkun ta' familja, u jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex jizgura li rabtiet familjari mhumiex mkissrin[1], talli twassal biex is-sitwazzjoni familjari anzi tiddeterjora u dan fejn l-allegati vittmi iddikjaraw li huma mhux biss hafru, mhux biss irrinunzjaw, izda talli disposti jkollhom relazzjoni tajba u mill-qrib mal-esponenti.

Ghaldaqstant, id-disposizzjoni tal-ligi li trendi r-reati addebitati lill-esponenti prosegwibbli *ex officio*, u li ma jigux estinti meta vittma tirtita l-kwerela, jiksru d-drittijiet tal-esponent taht l-

[1] [1] Vide inter alia, Monory v. Romania and Hungary, 5 70; Zorica Jovanovié v. Serbia, 5 68; Kutzner v. Germany, 5 58; Elsholz v. Germany [GC], 5 43; K. and T. v. Finland [GC], 5 151

Artikolu 8, 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

B. Ir-Rwol tal-Court Attorneys

Illi ricentament giet introdotta fis-sistema legali Maltija senjatament fil-Qrati Superjuri sistema ta' court attorneys liema sistema tikser id-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanciti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi din is-sistema tikser tali drittijiet ghal diversi ragunijiet fosthom illi:

1. Ma jkun hemm l-ebda sejha pubblika u trasparenti ghal min irid japplika biex isir court attorney;

2. M'hemm l-ebda trasparenza fil-process tal-ghazla tal-istess court attorneys;

3. Ma jidher illi hemm l-ebda kriterji sabiex jintaghzlu 1-istess court atttorneys;

4. Ir-regolamenti applikabbli ghal court attorneys huma inadegwati.

Illi inoltre jigi rilevat illi dawn jigu impjegati bhala *persons of trust* u safejn jaf l-esponenti jista' jezisti element ta' anonimita' stante illi l-ismijiet ta' tali persuni mhumiex pubblici u lanqas hemm ippublikat ma' liema gudikant ikunu assenjati l-istess court attorneys.

Illi dan kollu jwassal sabiex l-esponenti anke f'kaz ta' kunflitt ta' interess huwa ma jkunx jista' jkun jaf b'tali kunflitt u jirrilevahom. Illi dan ifisser ghalhekk illi l-esponenti ma jkunx jista' jqajjem possibilita' ta' kunflitti ta' interess jew bazi ta' astensjonijiet u nuqqasijiet ohra u dan peress illi ma jistax ikun jaf bihom u jissolevahom.

Illi inoltre filwaqt li l-esponenti ghandu dritt li jigi gudikat minn qorti indipendenti u imparzjali dawn il-*court attorneys* ghandhom il-poter li jiktbu s-sentenzi b'mod li ghaldaqstant l-esponenti ma jkunx gie gudikat minn qorti independenti u imparzjali. Illi jigi rilevat illi l-irwol tal-court attorneys huwa fl-iktar stadju sensittiv u krucjali fil-process kriminali u cioe' fid-drafting tas-sentenza u l-ghoti ghalhekk tad-decizjoni finali u ahharija. Illi dan kollu ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl u fil-kuntest tal-process ta' bidliet matul l-ahhar snin dwar il-metodu tal-hatra tal-gudikanti infushom.

Illi fil-kuntest ta' dan l-ilment dwar l-istat ta' fatt li jista' jincidi fuq id-dritt ghal smiegh xieraq ta' Qorti indipendenti u imparzjali ssir referenza ghall-gurisprudenza segwenti:

Illi fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et (12/07/2005) qalet hekk:

"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja. (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs 07101'. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).

…

"Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari." [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).

L-awturi Van Dijk Van Hoof u Van Rijn fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (4th ed) isostnu wkoll:

"The adjectives `independent' and `impartial' are the expression of two different concepts. The notion of `independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the `impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."

L-istess awturi ikomplu:

"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial.

Il-Qorti Ewropea fis-sentenza "Hauschildt vs Denmark" (1989) fissret ir-rekwiziti hekk:

"46. The existence of impartialityfor the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).

47. As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.

There thus remains the application of the objective test.

Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26).

This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."

Inoltre, kif fuq premess: "Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary." (Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium (1983).

**Illi l-Qorti Ewropea fil-kaz Kyprianou v Cyprus kompliet tfisser dawn l-elementi:**

"2. An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack ofjudicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground

legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depelld on the particular facts of the contested conduct.

Il-Qorti Ewropea (GC) fil-kaz Micallef v Malta kompliet tapprofondixxi t-testijiet ta' soggettibita' u oggettivita:

- "As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, S 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, S 43). As regards the type ofproof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v Belgium, 26 October 1984, S 25, Series A no. 86).
-
- In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, S 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, S 32, Reports 1996-111).

- As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his

impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, S 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, S 58, Reports 1996-111).

The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos.45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mezimrié v. Croatia, no.71615/01, 15 July 2005, 36, and Wettstein, cited above, 47, where the lawyer representing the applicant&s opponents subsequently judged the applicant in a single set ofproceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, S 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, S 38).

In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, 545, Reports 1998-VIII). " (Arafdan listes sens Hauschildt vs Denmark" (1989) citat supra).

**Illi fil-kaz Lawrence Grech et v Avukat Generali et - QK - 7 ta' Marzu 2017 gie ritenut hekk:**

Dwar l-ezistenza tal-apparenza tal-imparzjalità, l-Qorti kompliet:

"L-apparenzi wkoll jistghu jkunu konsiderazzjonijiet oggettivi li joholqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet gerarkici bejn gudikant u parti fil-kawza, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna ragonevoli tista' wkoll minghajr wisq tigbid jaghtu x'tahseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta dik il-persuna dwar l-imparzjalita tal-gudikant jista' jkun dubju oggettivament gustifikat. Fejn jezistu dubji bhal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oggettivament tara ragunijiet ta' parzjalita' kontriha li l-gudikant ma jkomplix jisma' l-kaz; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-ohra ghaliex il-gudikant jista', biex jeghleb kull dubju dwar l-imparzjalità tieghu ixaqb, imqar inkonxjament favur l-parti l-ohra. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-kaz tal-lum hemmx ragunijiet oggettivi li osservatur ragonevoli u imparzjali jistghu joholqu dehra ta' rabtiet bejn gudikant u parti f'kawza hekk li tiddghajjef il-fiducja fl-imparzjalità ta' dak il-gudikant".

## C. Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tieghu

Illi fiz-zmien illi fih l-esponent gie arrestat u investigat, il-Ligi nostrana ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat matul it-tehid tal-istqarrijiet rilaxxati minni.

Illi dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u huwa ta' pregudizzju kbir ghalih.

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt I-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha [ara fost I-ohrajn: Salduz vs. Turkey, Dayanan v. Turkey, Pischalnikov v. Russia, Plonka vs. Poland, Brusco vs. France, Pavlenko vs. Russia, Boz vs

Turkey, Demirkaya vs Turkey, Mario Borg vs Malta, A.T. vs Luxemborg);

Illi f'Malta l-Qrati Nostrana wkoll sabu ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi Christopher Bartolo vs AG, Il-Pulizija vs Aldo Pistella, Il-Pulizija vs Claire Farrugia, Il-Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs. Esron Pullicino.

Ghalhekk l-istqarrija moghtija mill-esponent inghatat fi zmien meta huwa ma setghax ikollu lill-avukat tal-ghazla tieghu prezenti tul l-istqarrija u ghalhekk ma setax jigi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li qieghed jghid.

Illi ghaldaqstant il-fatt illi l-istqarrija tal-esponent giet ammessi fil-proceduri, liema stqarrija skont gurisprudenza kopjuza kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittiehdet b'mod leziv u tikser d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, setghet ikkundizzjonat b'mod negattiv il-konkors tal-proceduri kriminali.

Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, l-esponenti jaghmel referenza inter alia ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs Cipru, deciza fil-11 ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet: "It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, asfar as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriateform of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghar-rispett lejn il-hajja familjari hekk kif protetta mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem gie miksur hekk kif deskritt iktar 'l fuq, mhux l-inqas minhabba d-disposizzjonijiet legali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie miksur hekk kif deskritt iktar 'l fuq, mhux l-inqas minhabba d-disposizzjonijiet legali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Sussegwentament TIRREVOKA, THASSAR U TANNULLA, is-sentenzi decizi nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali rispettivament, TAGHTI kull provvediment, ordni jew direttiva necessarja sabiex ir-rikorrenti jitpogga fl-istatus quo ante tal-vjolazzjoni in kwistjoni, u inoltre TAGHTI wkoll kull proveddiment iehor, li jidrilha li huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

In succinct ir-rikorrent qieghed jilmenta minn dak li gara fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) vs. Godwin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-27 ta' Novembru 2020 l-istess Qorti cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Novembru 2018 fejn gie ikkundannat erba' snin prigunerija.

L-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, bl-ebda mod ma gew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti liema eccezzjonijiet qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin.

Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juza l-proceduri straordinarji odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi hi u tirrevedi hi s-sentenzi li inghataw fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qrati ta' gurisdizzjoni penali biex b'hekk din l-Onorabbli Qorti tintuza bhala Qorti tat-tielet grad. Haga li ma tistax issir. Ir-rikorrent ghadda minn process kriminali bil-garanziji kollha li tirrikjedi l-ligi u ghalhekk l-ilmenti tieghu ifallu minn kull aspett. Illi

ghalkemm r-rikorrenti evidentement mhux qed jaqbel mas–sentenzi li inghataw mill-Qrati penali, dan il-fatt wahdu zgur li mhux sufficjenti sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali li jsemmi r-rikorrenti fir-rikors promotur.

Il-kaz odjern jirrigwarda abbuz sesswali li r-rikorrenti ikkommetta fil-konfront ta' wliedu stess meta dawn kienu ghadhom minorenni. Meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ta' erba' snin prigunerija li erogat il-Qorti tal-Magistrati hija mhux biss fil-parameri tal-ligi izda ixxeqleb iktar lejn il-minimum tal-piena li setghet timponi. Dan kien kaz ta' korruzzjoni ta' minorenni li ma kienx hemm bzonn il-kwerela tal-parti leza u tista titmexxa *ex officio* mill-pulizija peress li l-abbuz sesswali twettaq minn missier fuq uliedu. Ir-rinunzja tal-kwerela minn naha tal-vittmi tista' tkun ikkonsidrata biss ai fini ta' mitigazzjoni tal-piena izda ma tistax toqtol l-azzjoni kriminali. Wiehed ma jridx jara biss il-hsara li tkun saret mal-vittmi tar-reat izda wkoll il-hsara lejn il-komunità in generali u dan kif ser jigi spjegat f'aktar dettal waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza.

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Ghalhekk l-indhil mill-awtorità pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati

fit-tieni paragrafu tal-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).

L-indhil li seta' kien hemm fil-hajja familjari tar-rikorrenti kien ghal kollox legittimu u gustifikat peress li jaqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurtà pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta' delitti. Bl-abbuz sesswali li wettaq ir-rikorrent, kien hu stess li ivvjola hajjet uliedu.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dwar il-*Court Attorneys* jinghad li din is-sistema giet introdotta sabiex il-gudikant ikun jista' jkollu persuna kwalifikata fil-ligi sabiex tassistih fil-kitba tas-sentenzi biex b'hekk il-*backlog* li hemm fil-Qrati jonqos. Huwa fatt maghruf li l-*Court Attorneys* jintghazlu mill-gudikant koncernat fil-Qrati Superjuri u huma ikkunsidrati bhala *persons of trust*. Huwa rikoxxut ukoll globalment li l-gudikanti generalment jaghmlu uzu minn dawn l-assistenti jew *court attorneys* kemm fil-Qrati lokali kif ukoll dawk internazzjonali. Però xorta jibqa' l-fatt li meta tinkiteb sentenza mill-*court attorneys*, l-ahhar kelma hija dejjem tal-gudikant li ippresjeda l-kawza. Indipendentement mill-*court attorneys*, il-Qrati penali ta' pajjizna huma meqjusa bhala Qrati indipendenti u imparzjali u huma obbligati li jisimghu lill-partijiet, jevalwaw u japprezza ix-xhieda u l-provi migjuba sabiex finalment jaghtu gudizzju. Kif fil-fatt ghamlu kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi mertu ta' din il-kawza. Huwa ovvju li anke jekk sentenza tinkiteb minn *court attorney* hemm bzonn li din tigi kkonfermata u *endorsed* mill-gudikant. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika. Id-decizjoni finali hija dejjem tal-gudikant.

Fil-proceduri kriminali in dizamina fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma gie trattat b'mod differenti mill-parti l-ohra u

lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm *a fair hearing*. Bil-fatt wahdu li l-Qorti tat sentenzi li kienu sfavorevoli ghar-rikorrenti, dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-drittijiet fundamentali tieghu. L-esponent m'ghandux dubju li kieku r-rikorrent ma instabx hati tal-akkuzi, ma kienx ser jilmenta mix-xoghol tal-*court attorneys*.

Ghal dak li jirrigwarda l-principji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' gudikant, l-esponenti jaghmlu referenza ghal-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** *"An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

L-esponent jirrileva li imkien ma jirrizulta li l-Imhallef Edwina Grima li ippresjediet il-Qorti tal-Appell Kriminali u li tat is-sentenza fil-konfront tar-rikorrenti, kienet oggettivament jew soggettivament "biased".

Ghalhekk m'hemm l-ebda lezjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq.

L-esponent jirrileva r-rikorrent bil-lanjanzi li jirrigwardaw l-aggravji b'din il-kawza qieghed effettivament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti taghmel apprezzament mil-gdid tal-provi, tax-xhieda u tal-argumenti li tressqu fil-process kriminali u terga tidhol fil-mertu tal-process kriminali u ghalhekk taghmilha ta' Qorti tat-Tielet jew Raba' Istanza. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiggarantixxi l-ebda dritt li akkuzat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistharreg mill-gdid il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-**artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi zmien ragjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf

b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirrizulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-ligi skrupolozament. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrent qed jittenta jasal tramite l-procedura odjerna fejn ma rnexxilux jasal quddiem il-qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proceduri jintuzaw b'dan il-mod jikkostitwixxi uzu hazin ta' dina l-procedura straordinarja.

Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qaghda l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.

Sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li ta' bilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Fl-ahhar mill-ahhar ix-xoghol ta' gudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma' u jiddecidi liema xhieda ghandu joqghod fuqha u liema xhieda mhux ta' min joqghod fuqha u l-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kriterji biex jghinuh jaghmel dan. Iz-zewg sentenzi in kwistjoni kemm tal-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irragjonevoli jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiza tar-rikorrent dan ma sarx b`mod kappriccjuz izda ghaliex qiesu li kien hemm provi sal grad rikjest mil-ligi sabiex isibu htija fir-rikorrent.

Ir-rikorrenti tramite l-avukati tieghu kellu l-ghodda kollha li tippermetti l-ligi sabiex jattakka kull prova u xhieda li giet prodotta fil-kawza u kellu kull opportunità li iressaq provi tieghu u jaghmel id-difiza tieghu.

Dwar il-lanjanza li tirrigwarda l-istqarrija irid jinghad li huwa ampjament car minn qari tas-sentenzi li l-istqarrija li irrilaxxa ir-rikorrenti kienet pjutost sekondarja ai fini tas-sejbien ta' htija. Illi però irid jigi enfasizzat li f'dan il-kaz ir-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma gie interrogat mill-pulizija però jirrizulta li hu irrifjuta dan id-dritt. Il-prosekuzzjoni kellha numru ta' provi iktar importanti u cioè ulied ir-rikorrenti li xehdu fil-proceduri kriminali u dejjem baqghu konsistenti mal-verzjoni taghhom u li wara kollox kienu huma l- vittmi tal-abbuz sesswali u kienu l-iktar xhieda importanti fil-process penali.

Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara *inter alia* ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** tat-22 ta' Frar 2013, ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** tat-8 ta' Ottubru 2012 u ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

Marbut ma’ dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f’dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta’ mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta’ smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta’ kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta’ Awwissu 1998, ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Ottubru 2002 u ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta’ Ottubru 2003).

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jargumenta illi n-nuqqas ta’ assistenza legali waqt l-interrogatorju awtomatikament jissarraf fi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tal-istess rikorrenti. L-esponenti jissottometti li l-Qorti Ewropeja evolviet fil-kazistika taghha. Ix-xenarju gurisprudenzjali dwar din il-materja inbiddel kompletament bil-kawzi **Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.**

Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrent gie mhedded, imsawwat, imqarraq jew kien persuna vulnerabbli meta gie interrogat. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment kontra l-istqarrija meta kellu kull opportunità li jaghmel hekk quddiem il-qrati kriminali. Dan juri li huwa ma hassx li l-istqarrijiet kienu ta’ pregudizzju ghalih jew li ittiehdu b’abbuz. It-test decisiv f’dawn il-kazijiet huwa jekk fil-mument tat-tehid tal-istqarrija, l-interrogat kienx f’qaghda ta’ vulnerabbilità, djufija, biza’, vjolenza jew pressjoni mhux xierqa. L-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma tirrizulta f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti

ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din il-kawża u l-ilment odjern tal-attur huwa ntrinsikament marbut ma' dak illi seħħ fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) vs Godwin Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru 2020 permezz ta' liema sentenza l-attur ġie kkundannat għal erba' snin priġunerija effettivi. Il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-attur skattaw minn rapport li sar mill-Agenizja Appoġġ lill-Pulizija. Dan ir-rapport kien jittratta allegazzjoni dwar abbuż sesswali mwettaq mill-attur fuq il-persuna taż-żewġ uliedu li fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat kienu minorenni. Mill-investigazzjoni rriżulta li kien twettaq ir-reat abbażi ta' liema l-attur ġie mressaq il-Qorti u kkundannat.

Mill-atti jirriżulta illi fil-kors tal-proċeduri kriminali, ulied l-attur, anki jekk fi stadji differenti tal-proċeduri, ħafru lil missierhom u xtaqu jirtiraw il-kwerela. Jirriżulta illi l-akbar waħda minn ulied l-attur xehdet għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2016 u dak inhar irrakkontat b'mod dettaljat il-manjiera ta' kif kienet sfat abbużata minn missierha. Madanakollu, meta xehdet fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018 hija esprimiet ix-xewqa li taħfer lil missierha. Oħtha xehdet fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2017 u dakinhar tat il-verżjoni tagħha ta' kif kien iseħħ l-abbuż fuq il-persuna tagħha iżda meta xehdet in

kontro-eżami qalet li xtaqtet taħfer lil missierha bil-għan illi żżomm relazzjoni tajba miegħu. Minkejja l-maħfra da parti taż-żewġ ulied vittmi tar-reat kommess mill-attur, il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-attur baqgħu mexjin sakemm ingħatat sentenza definittiva fil-konfront tiegħu.

Il-qofol tal-proċeduri ta' llum huwa jekk bil-fatt li l-proċeduri kriminali tkomplew nonostante l-maħfra tal-vittmi, dan jammontax għal ksur tad-drittijiet tal-attur. L-attur jilmenta minn leżjoni tad-dritt tiegħu kif imħares taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni liema provvediment jittratta d-dritt tal-Ħajja Privata u tal-Familja. Jilmenta wkoll minn ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif dan id-dritt jinsab imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Bħala rimedju għall-aġir lamentat l-attur qiegħed jitlob li s-sentenzi tat-18 ta' Novembru 2018 u dik tas-27 ta' Novembru 2020 fil-konfront tiegħu jiġu revokati, mħassra u annullati u li din il-Qorti tagħti kull provvediment ieħor sabiex tpoġġi lill-attur fl-i*status quo ante* għal qabel seħħet l-allegata vjolazzjoni.

Ir-reat li bih ġie akkużat l-attur huwa dak kontemplat taħt l-Artikolu 203 tal-Kap. 9 liema reat jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża sabiex jittieħdu passi fil-konfront tal-allegat aggressur. Madankollu, il-Pulizija jistgħu jieħdu passi ex-officio meta jirriżulta illi r-reat ġie mwettaq b'abbuż tas-setgħa ta' ġenitur jew tutur. Fil-każ ta' llum il-Pulizija pproċedet fil-konfront tal-attur abbażi tal-fatt li f'dan il-każ kien seħħ abbuż mis-setgħa ta' ġenitur. Għalhekk, anki jekk il-kwerela ġiet irtirta, il-Pulizija xorta waħda setgħet tipproċedi bil-proċeduri ex-officio.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-inkartament tal-proċess kriminali fl-intier tiegħu. Fliet ukoll is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-attur u tosserva li sia l-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell it-tnejn indirizzaw il-kwistjoni tar-rinunzja fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt qalet hekk:

> *Illi jibda biex jinghad illi l-prosekuzzjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni ma tenhtiegx il-kwerela tal-parti offiza u titmexxa ex officio mill-pulizija u dan meta l-att inkriminatorju isehh b'abbuz ta' setgha ta' genitur fuq uliedu u dan kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza*

*appellata. Kwindi ir-rinunzja da parti ta' ulied l-appellant ghall-azzjoni kriminali tista' sservi biss bhala attenwanti ghal piena u xejn izjed.*

*L-appellant, izda jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'wassal għar-rinunzja maghmula minn uliedu u fuq kollox x'wassal għar-rapport maghmul lil Agenzija Appogg, u wkoll għall-fatt illi inizjalment A kienet cahdet l-allegazzjonijiet li saru minn oħtha fil-konfront ta' missierha. Jingħad però illi l-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinjora lammissjoni maghmula mill-appellant fl-istqarrija tieghu li tikkorrobora ilverzjoni tal-fatti ta' uliedu, li xehdu in extenso quddiem l-Ewwel Qorti u taw id-dettall dwar l-abbuz minnhom subit. Inoltre l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt ukoll illi dawn iz-zewg tfajliet baqghu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju illi dak li allegaw dawn izzewg tfajliet fil-konfront ta' missierhom ghandu mis-sewwa u certament ma jikkostitwixxi ebda fabbrikazzjoni frott tal-problemi matrimonjali li kien hemm bejn l-appellant u martu, kif donnu jallega.*

*Finalment kif irriteniet ġustament l-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda r-reat mfassal fl-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, dan ma jirrekjedix il-kwerela tal-parti offiża ghal sejbien ta' htija u b'hekk dan ir-reat huwa prosegwibbli ex officio.*

*...*

*Illi ukoll ghalkemm huwa minnu illi ulied l-appellant hafru lil missierhom ghall-abbuz sesswali minnhom subit matul is-snin tat-tfulija taghhom, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora in-natura serja tar-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati fejn mhux biss il-minuri soffrew abbuz minn eta' zghira, izda dan l-abbuz gie ipperpetrat mill-persuna li kellu l-ewwel dmir li jiehu hsiebhom, jedukahom u jindukrahom u li jharishom minn dawn it-tip ta' esperjenzi koroh f'hajjithom. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi z-zewg ulied ta' l-appellant kienu kostretti għal żmien twil jissottomettu lilhom infushom għar-rieda żienja ta' missierhom u zammew*

*is-silenzju biex isalvaw l-istabbilità fil-familja tagħhom. In oltre l-Qorti tinnota wkoll l-attitudni tal-appellant meta rinfaċċjat bl-allegazzjonijiet maghmula kontra tiegħu minn uliedu fejn stqarr illi huwa lanqas irrealizza li ghall-agir libidinuz tieghu kien ser ikun hemm konsegwenzi serji u li ntroduca lil uliedu ghal hajja sesswali bl-iskuza li ghamel dan biex jedukahom, hsibijiet li fil-fehma tal-Qorti jiehdu xejra perikoluza u jaghtu stampa ta' perverzjoni minn missier li kif inghad id-dmir tieghu huwa li jhares lil uliedu minn dawn l-esperjenzi koroh u ma jkunx hu stess il-perpetratur. Illi finalment il-piena ta' erba' snin prigunerija tqarreb aktar lejn il-minimu u kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, din ghandha tibqa' invarjata.*

**Id-Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja**
**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

L-ewwel ilment tal-attur huwa mpernjat fuq id-dritt imħares taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni liema disposizzjoni tipprovdi illi:

1. *Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tieghu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

2. *Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.*

Skont il-*Guide on Article 8 of the European Convention on Human Rights*[2], l-invokazzjoni tal-Artikolu 8 teħtieġ tkun ibbażata fuq wieħed mill-erba' kriterji stabbiliti fl-istess disposizzjoni u cioè il-vjolazzjoni:

1. Tal-ħajja privata;
2. Tal-ħajja tal-familja;

[2] Publikazzjoni tal-European Court of Human Rights, 3 ta' Awwissu 2022

3. Tad-dar;
4. Tal-korrispondenza.

Dawn l-elementi huma alternattivi u mhux kumulattivi għal xulxin li jfisser li l-vjolazzjoni ta' wieħed minn dawn l-erba' kriterji hija suffiċjenti.

Fl-ewwel lok jeħtieġ illi l-Qorti tistabbilixxi jekk l-ilment jaqax taħt il-kritejri determinati mill-Artikolu 8 u fit-tieni lok jekk kienx hemm interferenza jew inkella indħil mill-istat jew awtorità pubblika bi ksur tal-paragrafu 2 tad-disposizzjoni. L-ilment tal-attur huwa fis-sens li seħħet interferenza mal-ħajja familjari tiegħu meta nonostante l-maħfra ta' ulied l-attur u vittmi tar-reat, il-proċeduri fil-konfront tal-attur tkomplew *ex officio*. L-intimati jiġġustifikaw din l-intereferenza bħala meħtieġa f'ġieħ il-ħarsien tal-moralità u l-ħarsien tad-drittijiet ta' ħaddieħor.

Dan l-Artikolu ġie nterpretat fil-kuntest tal-obbligazzjoni tal-Istat li joħloq sistema effettiva dwar il-ħarsien tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Fil-*Guide on Article 8* supra ċitat, ġie mfisser hekk:

> *5. The primary purpose of Article 8 is to protect against arbitrary interferences with private and family life, home, and correspondence by a public authority (Libert v. France, §§ 40-42). This obligation is of the classic negative kind, described by the Court as the essential object of Article 8 (Kroon and Others v. the Netherlands, § 31). However, Member States also have positive obligations to ensure that Article 8 rights are respected even as between private parties (Bărbulescu v. Romania [GC], 2017, §§ 108-111 as to the actions of a private employer). In particular, although the object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private life (Lozovyye v. Russia, § 36). These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see, for*

*example, Evans v. the United Kingdom [GC], § 75, although the principle was first set out in Marckx v. Belgium).*

*6. The principles applicable to assessing a State's positive and negative obligations under the Convention are similar. Regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole, the aims in the second paragraph of Article 8 being of a certain relevance (Hämäläinen v. Finland [GC], § 65; Gaskin v. the United Kingdom, § 42; Roche v. the United Kingdom [GC], § 157). These principles may also be relevant in the education context (F.O. v. Croatia, §§ 80-82 citing Costello-Roberts v. the United Kingdom, § 27, as regards school discipline). Where the case concerns a negative obligation, the Court must assess whether the interference was consistent with the requirements of Article 8 paragraph 2, namely in accordance with the law, in pursuit of a legitimate aim, and necessary in a democratic society. This is analysed in more detail below.*

*7. In the case of a positive obligation, the Court considers whether the importance of the interest at stake requires the imposition of the positive obligation sought by the applicant. Certain factors have been considered relevant for the assessment of the content of positive obligations on States. Some of them relate to the applicant. They concern the importance of the interests at stake and whether "fundamental values" or "essential aspects" of private life are in issue or the impact on an applicant of a discordance between the social reality and the law, the coherence of the administration and legal practices within the domestic system being regarded as an important factor in the assessment carried out under Article 8. Other factors relate to the impact of the alleged positive obligation at stake on the State concerned. The question is whether the alleged obligation is narrow and precise or broad and indeterminate (Hämäläinen v. Finland [GC], § 66).*

*8. As in the case of negative obligations, in implementing their positive obligations under Article 8, the States enjoy a certain margin of appreciation. A number of factors must be*

*taken into account when determining the breadth of that margin. Where a particularly important facet of an individual's existence or identity is at stake, the margin allowed to the State will be restricted (for example, X and Y v. the Netherlands, §§ 24 and 27; Christine Goodwin v. the United Kingdom [GC], § 90; Pretty v. the United Kingdom, § 71). Where, however, there is no consensus within the Member States of the Council of Europe, either as to the relative importance of the interest at stake or as to the best means of protecting it, particularly where the case raises sensitive moral or ethical issues, the margin will be wider (X, Y and Z v. the United Kingdom, § 44; Fretté v. France, § 41; Christine Goodwin v. the United Kingdom [GC], § 85). There will also often be a wider margin if the State is required to strike a balance between competing private and public interests or Convention rights (Fretté v. France, § 42; Odièvre v. France [GC], §§ 44-49; Evans v. the United Kingdom [GC], § 77; Dickson v. the United Kingdom [GC], § 78; S.H. and Others v. Austria [GC], § 94).*

*...*

*29. In order to determine whether a particular infringement upon Article 8 is "necessary in a democratic society" the Court balances the interests of the Member State against the right of the applicant (see the recent summary of the relevant case-law in Vavřička and Others v. the Czech Republic [GC], §§ 273-275). In an early and leading Article 8 case, the Court clarified that "necessary" in this context does not have the flexibility of such expressions as "useful", "reasonable", or "desirable" but implies the existence of a "pressing social need" for the interference in question. It is for national authorities to make the initial assessment of the pressing social need in each case; accordingly, a margin of appreciation is left to them. However, their decision remains subject to review by the Court. A restriction on a Convention right cannot be regarded as "necessary in a democratic society" – two hallmarks of which are tolerance and broadmindedness – unless, amongst other things, it is proportionate to the legitimate aim pursued (Dudgeon v. the United Kingdom, §§ 51-53).*

*30. Subsequently, the Court has affirmed that in determining whether the impugned measures were "necessary in a democratic society", it will consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify them were relevant and sufficient and whether the measures were proportionate to the legitimate aims pursued (Z v. Finland, § 94). The Court has further clarified this requirement, stating that the notion of "necessity" for the purposes of Article 8 means that the interference must correspond to a pressing social need, and, in particular, must remain proportionate to the legitimate aim pursued. When determining whether an interference was "necessary" the Court will consider the margin of appreciation left to the State authorities, but it is a duty of the respondent State to demonstrate the existence of a pressing social need behind the interference (Piechowicz v. Poland, § 212). The Court reiterated the guiding principles on the margin of appreciation in M.A. v. Denmark [GC], §§ 140-163, which elaborated on the factors of relevance to the scope of the margin of appreciation, and in which it noted that Protocol No. 15 (which reflected the principle concerning subsidiarity and the doctrine of the margin of appreciation) entered into force on 1 August 2021 (see also Paradiso and Campanelli v. Italy [GC], §§ 179-184 and Klaus Müller v. Germany, § 66. The margin of appreciation to be accorded to the competent national authorities will vary in light of the nature of the issues and the seriousness of the interests at stake (Strand Lobben and Others v. Norway [GC], § 211). The States must, in principle, be afforded a wide margin of appreciation regarding matters which raise delicate moral and ethical questions on which there is no consensus at European level (Paradiso and Campanelli v. Italy [GC], § 184).*

...

*109. The Court indicated for the first time that the concept of private life covered the physical and moral integrity of the person in X and Y v. the Netherlands, § 22. That case concerned the sexual assault of a mentally disabled sixteen-*

*year old girl and the absence of criminal law provisions to provide her with effective and practical protection (see, more recently, Vavřička and Others v. the Czech Republic [GC], § 261). A person's body concerns the most intimate aspect of private life (Y.F. v. Turkey, § 33). Regarding the protection of the physical and psychological integrity of an individual from other persons, the Court has held that the authorities' positive obligations – in some cases under Articles 2 or 3 of the Convention and in other instances under Article 8 taken alone or in combination with Article 3 (ibid.) – may include a duty to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals (Osman v. the United Kingdom, §§ 128-130; Bevacqua and S. v. Bulgaria, 2008, § 65; Sandra Janković v. Croatia, § 45; A v. Croatia, 2010, § 60; Đorđević v. Croatia, §§ 141-143; Söderman v. Sweden [GC], § 80). Furthermore, that legal framework must be implemented effectively in practice in order for the State to comply with its positive obligations under Article 8 (Špadijer v. Montenegro, § 101).*

*110. A State's margin of appreciation will tend to be relatively narrow where the right at stake is crucial to the individual's effective enjoyment of intimate or key rights (Dubská and Krejzová v. the Czech Republic [GC], § 178; see also, for instance, Hämäläinen v. Finland [GC], §§ 67-68 and the caselaw references cited).*

Għal dak illi jolqot direttament reat ta' abbuż fuq minorenni, fil-*Guide on Article 6*, b'referenza għall-każistika tal-Qorti Ewropea in materia, jgħid hekk:

*115. In respect of children, who are particularly vulnerable, the measures applied by the State to protect them against acts of violence falling within the scope of Article 8 must also be effective. This should include reasonable steps to prevent ill-treatment of which the authorities had, or ought to have had, knowledge and effective deterrence against such serious breaches of personal integrity (Z and Others v. the United Kingdom [GC], § 73; M.P. and Others v. Bulgaria, 2011, § 108; A and B v. Croatia, 2019, §§ 106-113). Such*

*measures must be aimed at ensuring respect for human dignity and protecting the best interests of the child (Pretty v. the United Kingdom, § 65; C.A.S. and C.S. v. Romania, 2012, § 82). In Wetjen and Others v. Germany, the Court found that the risk of systematic and regular caning constituted a relevant reason to withdraw parts of the parents' authority and to take the children into care (§ 78) (see also Tlapak and Others v. Germany, § 91).*

*116. Regarding serious acts such as rape and sexual abuse of children, where fundamental values and essential aspects of private life are at stake, it falls to the Member States to ensure that efficient criminal law provisions are in place (X and Y v. the Netherlands, § 27; M.C. v. Bulgaria, § 150 and § 185, in which the approach taken by the investigator and the prosecutors in the case fell short of the requirements inherent in the States' positive obligations; M.G.C. v. Romania, 2022, § 74; A and B v. Croatia, 2019, § 112) as well as effective criminal investigations (C.A.S. and C.S. v. Romania, 2012, § 72; M.P. and Others v. Bulgaria, 2011, §§ 109-110; M.C. v. Bulgaria, § 152; A, B and C v. Latvia, 2016, § 174; and Y v. Bulgaria, §§ 95-96); that criminal sentences are enforced (E.G. v. the Republic of Moldova, § 49); and victims have the possibility to obtain reparation and redress (C.A.S. and C.S. v. Romania, 2012, § 72).*

In riassunt tal-prinċipji appena enunċjati, l-indħil da part tal-istat huwa ġustifikat u neċessarju f'soċjetà demokratika meta jsir skont il-liġi abbażi ta' għan leġittimu. Tenut kont tal-fatti li wasslu għall-ilment tal-attur, il-Qorti tistaqsi x'hemm iżjed neċessarju mill-ħarsien tal-persuna fiżika tal-minorenni, kategorija ta' persuni li dawn li f'kull soċjetà demokratika jitqiesu bħala vulnerabbli minħabba l-età, in-nuqqas t'għarfien u d-djufija tagħhom meta mqabbla ma' persuni akbar minnhom. Il-leġislatur ħaseb fir-reat a tenur tal-Artikolu 203 bħala wieħed prosegwibbli ex officio proprju sabiex jittutela l-interessi ta' minuri li jiġu esposti għal atti libidinużi f'età tant tenera fejn ir-rieda tagħhom u l-abbilità tar-rifjut tkun għada dgħajfa ħafna u għalhekk tesponihom għal abbuż f'età meta l-innoċenza tagħhom għandha tiġi mħarsa u protetta b'kull mezz aktar u aktar minn ġenituri li jabbużaw mis-setgħat tagħhom meta

suppost huma d-difensuri ewlenija ta' uliedhom. Tqis għalhekk illi anki jekk l-ulied xtaqu jaħfru lil missierhom, l-Istat għandu l-obbligu li jħares il-moralità u d-deċenza fil-familja apparti l-obbligu mpellenti li jħares persuni innoċenti milli jiġu korrotti u abbużati. Żgur illi dan l-indħil da parti tal-istat huwa neċessarju f'soċjetà demokratika mhux biss għas-salvagwardja tal-vittmi iżda wkoll għall-ħarsien tal-moralità u s-sigurtà pubblika f'kuntest aktar wiesa' bħal ma hija s-soċjetà demokratika li ngħixu fiha.

Ma tezistix, fil-fehma ta' din il-Qorti, sigurtà pubblika vera u komprensiva meta tigi mittiefsa s-sigurtà tal-individwu vulnerabbli membru tal-istess socjetà.

Fid-dawl ta' dak premess il-Qorti ssib illi l-attur m'għandux raġun fl-ilment minnu mressaq u għalhekk kull talba rigwardanti vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni qegħda tiġi miċħuda.

**Id-Dritt għal smigħ xieraq**
**L-Artikoli 6 tal-Konvenjoni u 39 tal-Kostituzzjoni**

Primarjament l-attur jabbina l-ilment tiegħu dwar vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq mal-fatt li l-proċeduri tkomplew nonostante l-fatt li l-vittmi rtiraw il-kwerela.

Għal dak illi jolqot il-każ in diżamina, l-aktar partijiet rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqraw hekk:

> "(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> ...
>
> *(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari."*

Dik il-parti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li hija ta' rilevanza għall-każ ta' llum taqra hekk:

*"1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi*."

Il-Qorti tibda billi ttenni li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li l-funzjoni ta' din il-Qorti kif adita mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra.

Fil-kawża fl-ismijiet Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et, deċiża fit-2 ta` Ottubru 2001, din il-Qorti diversament preseduta osservat illi:

*"Inoltre fis-sentenza "**Nicholas Ellul vs Kummissarju talPulizija" (Appell Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991 - Vol.LXXV.i.240)** intqal illi:-*

*"Dwar f'hiex ma kienx hemm fair trial, jew smiegh xieraq, ir-rikorrent prattikament ma jghid xejn, hlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat hazin id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall – in genere u reperti; il-Qorti*

*Istruttorja interpretat korrettament id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kostanti tal-Qrati ta' kompetenza Kriminali, izda fi kwalunkwe kaz din m'hix materja kostituzzjonali u din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza fir-rigward."*

*Fil-ktieb "**Article 6 of the European Convention on Human Rights – The right to a fair trial" (Andrew Grotrian, 1994)** l-awtur qal hekk:-*

*"The question of whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it's so-called 'fourth instance formula', it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings*."

(ara wkoll: **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe**, (PA, 21 ta` Jannar 2010; **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et**, QK, 8 ta' Jannar 2010; **J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali**, QK, 30 ta' Settembru 2011; **Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali**, QK, 28 ta' Ġunju 2012)

Waqt illi tirribadixxi l-prinċipji ta' dritt appena enuċjati, din il-Qorti tagħmilha ċara illi mhijiex ser tassumi r-rwol ta' Qorti tat-tielet grad. Anki jekk ir-rikorrenti jinsab kontrarjat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, is-setgha ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija tabilħaqq ċirkoskritta sabiex tinvestiga seħħitx il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali allegata minnu. Kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra teżorbita r-rwol ta' din il-Qorti kif adita.

Determinata l-funzjoni ta' din il-Qorti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina funditus il-garanziji li joffru l-Artikolu 6 u kif dawn ġew imħaddma fil-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum.

Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (criminal limb)[3], senjatament fis-sub sezzjoni 'A' ntitolata '*The Fundamental Principles*' taħt sezzjoni 'I' ntitolata '*General Considerations of Article 6 in its criminal aspect*', insibu mfisser illi:

> "*1. The key principle governing the application of Article 6 is fairness (Gregačević v. Croatia, 2012, § 49). However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], 2016, § 250).*
>
> *2. In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident. However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pre-trial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania,* § 63).*"

Fuq dan il-binarju kien il-pronunzjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet <u>Tyrone Fenech and others vs Malta</u>.

[3] Kif aġġornat sal-31 t'Awwissu 2022

Riferibbilment għad-dritt għall-assistenza legali, fil-Guide on Article 6 (ibid.) jingħad illi l-iskop tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3)(ċ) huwa dak illi l-persuna akkużata tingħata dritt għall-assistenza legali f'kull stadju tal-proċeduri inkluż fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni. Dan id-dritt jitqies bħala li huwa kardinali għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja għaliex jiggarantixxi l-osservazzjoni tal-prinċipju tal-*equality of arms*.

Hu prinċipju assodat fil-ġurisprudenza Maltija illi d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq jinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha. Fil-każ ta' Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et, tas-16 t' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *"…huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem tal-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi dritt fondamentali."*

Fil-mertu, mill-atti jirriżulta li l-attur irrilaxxja stqarrija fi żmien meta minħabba restrizzjoni sistemika ma kienx permess illi tingħata assistenza legali waqt l-interrogatorju. L-attur irrilaxxja l-istqarrija tiegħu fit-3 t'Awwissu 2016. Il-jedd għall-assistenza legali ġie ntrodott bis-saħħa tal-Att III tal-2002 li ntroduċa l-Artikolu 355AT. Kien eventwalment bis-saħħa tal-Att LI tal-2016 li ġie ntrodott fil-Kodiċi Kriminali d-dritt għall-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016 permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula,

*inter alia*, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha '*dritt ta' aċċess għal avukat*' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija. Fl-istess waqt dan ifisser ukoll illi fil-każ tar-rikorrenti, fiż-żmien inkriminat, il-liġi kienet tipprekludi l-jedd għall-assistenza legali fl-istadju tal-investigazzjoni (*pre-trial proceedings*).

Il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u tal-Qorti Ewropea rigward id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u ċioè fil-*pre-trial stage* hija vasta. Il-Qorti tinnota illi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea dwar dan is-suġġett inbidlet tul is-snin.

Fil-kawża fl-ismijiet Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali, tal-31 ta' Mejju 2019 il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Wara li għamlet referenza għall-każ ċelebri ta' Beuze vs Belgium (QEDB 2018), il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet illi:

> *Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti għal dan innuqqas, ma huwiex bizz ejjed biex, ipso facto, jinsab ksur taljedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-process fit -totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*
>
> *Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta giet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa certu punt anticipat din il-precizazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re Charles Steven Muscat v. Avukat Generali, meta osservat illi:*
>
> *»14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara process fi zmien ragonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtiega għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …*

*»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«*

*Fi kliem ieħor, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.*

*Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tigi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-ligi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien bizzejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:*

*...*

*Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-kaz ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-kaz ta' Malcolm Said v. L-Avukat Generali il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi linterpretazzjoni minnha mogħtija fil-kaz ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbuzi min-naħa talprosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkuzata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«*

*Ir-raguni izda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-kaz ta' Beuze v. il-Belgju, biex tippreciza aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-kaz ta' Beuze, bħal fil-kaz tal-lum, il-ligi domestika fiz-zmien relevanti ma kienitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raguni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:*

*...*

*»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):»*

*whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified; (g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

*Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raguni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-kaz ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull kaz, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, izjed milli precizazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolgiment ta' dik il-gurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex precizazzjoni,*

*elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolgiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti ragun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-gurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħazin u huwa micħud."*

Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar 2020:

*"72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, isegwi li l-argument tal-attur li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex irrilaxxja dikjarazzjonijiet mingħajr ma kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottometti l-Avukat tal-Istat, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.

Fil-każ tal-lum, mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-attur fis-17 ta' Novembru 2020 jidher illi l-Qorti qieset il-fatt li meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu l-attur kien ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Jidher però ċar illi l-Qorti ma waslitx għas-sejbien ta' ħtija unikament abbażi ta' dik l-istqarrija. F'dan ir-rigward il-Qorti terga taghmel referenza għal dak il-bran fejn fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "*L-appellant, izda jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'wassal għar-rinunzja maghmula minn uliedu u fuq kollox x'wassal għar-rapport maghmul lil Agenzija Appogg, u wkoll għall-fatt illi inizjalment A kienet cahhdet l-allegazzjonijiet li saru minn oħtha fil-konfront ta' missierha. Jingħad però illi l-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinjora lammissjoni maghmula mill-appellant fl-istqarrija tieghu li tikkorrobora ilverzjoni tal-fatti ta' uliedu, li xehdu in extenso quddiem l-Ewwel Qorti u taw id-dettall dwar l-abbuz minnhom subit. Inoltre l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt ukoll illi dawn iz-zewg tfajliet baqghu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju illi dak li allegaw dawn izzewg tfajliet fil-konfront ta' missierhom ghandu mis-sewwa u certament ma jikkostitwixxi ebda fabbrikazzjoni frott tal-problemi matrimonjali li kien hemm bejn l-appellant u martu, kif donnu jallega.*"

Jidher għalhekk illi għalkemm il-Qorti qieset l-ammissjoni tal-attur, l-istess Qorti qieset ukoll li dik l-ammissjoni kienet korroborata mix-xhieda estensiva u dettaljata ta' uliedu stess li tul il-proċess kollu dejjem kienu konsistenti fir-rakkont tagħhom. Tqis għalhekk illi fil-każ ta' llum is-sejbien ta' ħtija ma kienx esklussivament ibbażat fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-attur.

L-attur jestendi l-ilment tiegħu dwar nuqqas ta' smigħ xieraq għall-irwol li jkopru l-Court Attorneys fl-istadju tal-abbozzar tas-sentenzi. Imkien ma ġie mill-attur sostanzjat kif sew sew l-irwol tal-Court Attorney jikkontrasta mad-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq tant illi l-attur ma ressaq ebda lment speċifiku lejn il-Court Attorney assenjata mal-Qorti tal-Appell Kriminali jew lejn dik

assenjata ma' din il-Qorti. Jilmenta b'mod vag u wiesa' dwar il-mod ta' kif jiġu maħtura l-Court Attorneys fi proċess li fi kliemu mhuwiex trasparenti. Donnu però illi l-attur ma jafx illi l-lista tal-Court Attorneys hija waħda pubblika. Dan jippermetti lill-partijiet sabiex f'ħin tempestiv iressqu l-ilmenti tagħhom, jekk ikunu il-każ, fir-rigward tal-Court Attorney. Biss, fil-każ ta' llum l-attur qatt ma lmenta dwar l-irwol tal-Court Attorney fil-kors tal-proċess kriminali u lanqas ma ressaq ilment speċifiku fir-rigward tal-Court Attorney assenjat ma din il-Qorti. Tqis għalhekk din il-parti tal-ilment bħala fiergħa.

Magħmulha dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti tqis illi l-ilment tal-attur dwar leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jirriżultax.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, waqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

Tordna lill-istess rikorrenti iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

IMHALLEF

DEP/REG